# Il-Kunsilli fl-Iskejjel ta' l-Unjoni Ewropea

*Ronald G. Sultana*

Sintezi ta' – u kummenti dwar – dokument stampat fl-1990 mill-EURYDICE f'isem it-*Task Force* tar-Riżorsi Umani, Edukazzjoni, Taħriġ u Żgħażagħ dwar l-*Amministrazzjoni u Strutturi Evalwattivi fl-Iskejjel Primarji u Sekondarji fil-Pajjiżi Membri ta' l-Unjoni Ewropea.*

## *Daħla*

Fil-pajjiżi membri ta' l-Unjoni jidher li l-kunċett ta' kunsilli ta' l-iskejjel daħal fis-sebgħinijiet, l-aktar wara l-movimenti favur il-parteċipazzjoni li xterdu minħabba il-protesti ta' l-istudenti fi Franza f'Mejju ta' l-1968. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-kunsilli ħadu forom istituzzjonali differenti, imma jekk niġġeneralizzaw nistgħu ngħidu illi karatterristiċi ġenerali għall-kunsilli kollha huma dawn:

— li mxew 'l hinn minn sempliċi bord li jagħti pariri u wens lill-kap ta' l-iskola
— li saru kumitati b'aktar saħħa li jieħdu deċiżjonijiet importanti f'dak li għandu x'jaqsam mat-triq fl-edukazzjoni li tieħu l-iskola.
— li l-ġenituri għandhom, aktar ma jmur, aktar influwenza, u n-natura ta' din l-influwenza qed tinbidel.

Dat-tibdil qed iseħħ minħabba l-mewġa ta' ħsieb li tiffavorixxi diċentralizzazzjoni fl-amministrazzjoni, kif ukoll l-għoti t'aktar awtonomija lill-iskejjel f'dak li għandu x'jaqsam ma' tmexxija, finanzi u pedagoġija. Fis-sebgħinijiet, il-ġenituri kienu involuti b' żewġ modi prinċipali:
— jew billi ngħatatilhom is-setgħa li jikkontrollaw aspetti ta' tmexxija ta' l-iskola, bħalma ġara fid-Danimarka, fl-Ingilterra u f'Wales.
— inkella billi l-iskola, waqt li tagħraf is-sehem importanti tal-ġenituri, iżżomm f'idejha l-kontroll u titlaq biss f'idejn il-ġenituri dawk l-aspetti li jidhrilha u meta tħoss il-ħtieġa. Dan kien il-każ fi Franza u fi Spanja.

Illum, donnu dawn iż-żewġ mudelli għebu f'wieħed, fejn il-ġenituri, flimkien ma' gruppi oħra meqjusin 'sħab' fil-proġett ta' l-edukazzjoni, jaħdmu biex imexxu l-iskola billi jiddefinixxu l-oġġettivi, jistabilixxu regolamenti, jgħarblu mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu mal-*budget*, kurrikulu, dixxiplina, ingaġġ ta' staff, waqt li jaħdmu flimkien biex ifasslu pjanijiet ta' ħidma kemm ġewwa l-iskola kif ukoll fil-komunità.

Id-dettalji ta' kif pajjiżi fl-Ewropa qed iħaddmu l-prinċipju ta' sħubija bejn l-iskola u d-dar jgħinuna nqabblu x'qed nagħmlu aħna ma' x'qed jagħmel ħaddieħor, u b'hekk nitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin, u nifhmu aħjar li dak li bħal issa hu popolari f'pajjiżna għandu storja warajh li tispjega mhux biss il-kuntest ta' l-idea imma wkoll lill-istess popolarità. Mela l-ħsieb mhux li nagħmlu bħal ħaddieħor għax dan aħjar minn tagħna, imma li nipprovdu għodda għall-ħsieb sabiex nixtarru u nisbqu l-kwadri tagħna ta' kuljum.

## *Membri tal-Kunsill*

In-numru ta' membri fil-kunsill ivarja minn skola għall-oħra skond id-daqs tal-popolazzjoni ta' l-iskola, u nsibu minn 10 sa 13 f'pajjiżi bħad-Danimarka, 24 sa 30 fi Franza, u saħansitra 'l fuq minn 50 f'xi skejjel kbar fil-Ġermanja. Ta' spiss, fil-kunsill, insibu mhux biss għalliema u ġenituri, imma studenti wkoll. Ġieli wkoll insibu rappreżentanti mill-awtoritajiet lokali u mill-istaff ta' l-iskola li ma jgħallimx. Fil-Belġju, l-Ingilterra u l-Iskozja nsibu li l-kunsilli jgħoddu magħhom rappreżentanti mill-ħajja ekonomika u kulturali tad-distrett.

Normalment insibu li l-ġenituri u l-għalliema huma rappreżentati bl-aktar numru qawwi fil-kunsill. Xi pajjiżi jagħtu aktar rappreżentanza lill-ġenituri milli lill-għalliema. Hekk jiġri fil-Belġju, fid-Danimarka, fl-Irlanda u fl-Ingilterra. F'oħrajn, bħal fil-każ tas-sekondarji Franċiżi u fl-Italja, il-ġenituri u l-għalliema jkunu pariġġ. Fil-Greċja, fil-Lussemburgu, fi Spanja u fil-Portugal, hemm aktar għalliema milli ġenituri.

Tista' tgħid fil-pajjiżi Ewropej membri ta' l-UE kollha, taqta' lid-Danimarka u lill-Italja, il-president tal-kunsill hu l-kap ta' l-iskola. F'dawn iż-żewġ pajjiżi l-president jista' jkun rappreżentant tal-ġenituri elett mill-kunsill. Fil-Portugal, bħal fil-każ tagħna, il-kap qatt ma jista' jkun president ta' skola.

Is-selezzjoni tal-membri tal-kunsill normalment issir permezz ta' elezzjonijiet, għalkemm fil-Greċja, per eżempju, il-ġenituri jinħatru mill-Assoċjazzjoni tagħhom, u fil-Belġju, hu l-kunsill li jagħżel direttament liema għalliema jsiru membri.

F'Malta, il-kunsill jiġi elett għal sena, kif jiġri fi Franza. Fi Spanja u fil-Lussemburgu l-mandat hu għal sentejn, fl-Italja għal tlieta, u erbgħa fl-Ingilterra. Il-kunsilli jiltaqgħu regolarment matul is-sena skolastika, imma mhux bl-istess frekwenza. Hekk, hemm pajjiżi li jistabbilixxu minimu ta' laqgħa kull xahar, oħrajn ta' tliet darbiet fis-sena.

## *Responsabiltajiet tal-Kunsilli*

Ir-responsabiltajiet tal-kunsilli jvarjaw skond ir-relazzjoni li teżisti bejn iċ-ċentru amministrattiv u kull skola partikulari. Aktar ma

jkun hemm diċentralizzazzjoni, aktar jaqgħu responsabiltajiet fuq il-kunsilli. Dawn jistgħu jkunu ta' tipi differenti, fosthom dawk regolatorji, dawk li jagħtu parir, u dawk ta' kontroll. Jerga', dawn ir-responsabiltajiet jistgħu jiġu mħarrġa f'diversi kampijiet, fosthom fl-amministrazzjoni ta' l-iskola, fl-organizzazzjoni, fil-finanzi, fil-kurrikulu, fiż-żamma tad-dixxiplina, u l-bqija.

Fost il-ħidma l-aktar komuni tal-kunsilli ta' l-iskejjel fil-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea nsibu:

*id-definizzjoni ta' oġġettivi għall-iskola*;

— F'xi pajjiżi dan l-eżerċizzju jsir b'mod informali ħafna, sempliċement bħala parir lill-iskola dwar x'għandu jsir matul is-sena. Imma f'pajjiżi oħrajn il-kunsill iħejji proġett u pjan dettaljat li hu l-qafas li permezz tiegħu l-awtorità edukattiva tevalwa l-ħidma tal-kunsill. Dan hu l-każ fil-Belġju, fi Franza, fl-Olanda, fil-Portugal u fi Spanja.

*deċiżjonijiet dwar il-budget finanzjarju ta' l-iskola*;

— Il-prinċipju ta' diċentralizzazzjoni jagħti aktar poter lil persuni barra l-iskola rigward amministrazzjoni ta' fondi, u l-kunsill taqa' f'idejh ir-responsabbiltà għall-użu għaqli tar-riżorsi pubbliċi. F'ħafna pajjiżi hu s-Surmast li jipproponi pjan dettaljat tal-*budget* lill-kunsill, li dan għandu s-setgħa li japprovah. F'oħrajn, il-kunsill għandu sotto-kumitat li jħares il-fondi, u li jissottometti l-ideat tiegħu lill-kunsill. Hekk, ngħidu aħna, jiġri fl-Italja.

*regolamenti ta' l-iskola*;

— F'xi pajjiżi, dawn it-tip ta' regolamenti huma għal kollox f'idejn il-kunsill, waqt li f'oħrajn, hemm qafas magħmul mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u l-kunsill ikun mistieden biex jikkumenta fuqu, jemendah, u b'modi oħra jagħmel il-proposti tiegħu.

*kif tinżamm id-dixxiplina*;

— Kull pajjiż jaċċetta l-prinċipju li r-responsabbiltà għaż-żamma tad-dixxiplina hi tal-kap ta' l-iskola flimkien ma' l-għalliema. Imma ħafna jaraw lok għall-kunsill li jiddefi-

nixxi l-kriterji kif ukoll is-sanzjonijiet tad-dixxiplina fl-iskola. Xi kunsilli jeżaminaw il-każijiet imressqa lilhom, waqt li fi Franza, fl-Italja u fi Spanja, il-kunsill jieħu responsabbiltà tal-każijiet l-aktar serji.

*relazzjonijiet mal-ġenituri u l-bqija tal-komunità;*

— Il-kunsill huwa l-aktar mod qawwi li permezz tiegħu l-ġenituri għandhom drittijiet stabbiliti li jinfluwenzaw id-direzzjoni li tieħu l-iskola, u hu normalment permezz tal-kunsill illi l-ġenituri jirċievu informazzjoni, u jagħtu suġġerimenti għal dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tmexxija ta' l-iskola. Hu wkoll permezz tal-kunsill ta' l-iskola li l-ġenituri jitolbu spjega dwar ir-riżultati li l-istudenti jakkwistaw fi tmiem ta' programm ta' studju. F'ħafna pajjiżi (Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Portugal, Spanja, l-Ingilterra) il-kunsill irid ifassal rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-iskola kif ukoll tar-riżultati miksubin. Dan ir-rapport irid jintbagħat lill-ġenituri kollha, u, ngħidu aħna fl-Ingilterra, issir diskussjoni fuqu f'laqgħa annwali mnedija mill-kunsill fejn il-ġenituri japprovaw ir-rapport u jsiru pjanijiet għas-sena ta' wara. Pajjiżi oħra jobbligaw irwieħhom li jsiru jafu, permezz ta' kwestjonarji u mezzi oħra, l-opinjoni tal-ġenituri u tal-komunità dwar l-iskola.

*kontroll u evalwazzjoni tal-ħidma ta' l-iskola.*

— Aktar ma skola jkollha awtonomija, aktar trid tagħti kont ta' x'irnexxielha u x'ma rnexxilhiex twettaq mill-pjan li tkun fasslet għaliha nnifisha. Dan is-sens t'*accountability* iwassal għal rapport evalwattiv serju fejn l-iskola tħares fid-dettall ta' fejn sejra tajjeb u fejn anqas tajjeb. Dan l-eżerċizzju evalwattiv ġieli jsir minn spetturi ta' l-awtorità edukattiva tar-reġjun jew pajjiż, u ġieli jsir minn tim t'esperti konsulenti għan-nom tal-kunsill.

Ma' dawn ta' min isemmi ħidma oħra li mhix daqstant imxerrda, imma li xi pajjiżi u skejjel jagħtuha importanza wkoll. Fosthom hemm:

— attività extra-kurrikulari;
— xiri ta' materjal u apparat edukattiv;
— l-użu ta' l-iskola wara l-ħin uffiċjali tat-tagħlim;
— organizzazzjoni ta' metodi ta' tagħlim, kif ukoll tal-kurrikulu;
— l-għażla tal-kap ta' l-iskola.

*Konklużjoni*

Il-prinċipju ewlieni li jgħinna nifhmu d-differenzi u x-xebħ bejn pajjiż u ieħor hu dak tad-diċentralizazzjoni u d-devoluzzjoni ta' poter imma wkoll ta' responsabbiltà fuq l-iskejjel individwali. Aktar ma naraw dan il-prinċipju mħaddem, aktar ikollhom setgħat u dmirijiet fil-kunsilli ta' l-iskejjel f'pajjiż partikulari. Kif jargumentaw diversi awturi f'dil-ġabra t'artikli, dal-proċess joħloq diversi opportunitajiet biex il-ġenituri jikkolaboraw ma' l-għalliema għal edukazzjoni aktar effettiva. Imma dawn l-artikli, kif ukoll studji magħmulin f'pajjiżi Ewropej fejn dal-prinċipju daħal sew, juruna wkoll illi jekk ma noqogħdux b'seba' għajnejn, din l-individwalizzazzjoni, fejn kull skola tista' tgħid tkun mitluqa għal rasha, tista' twassal għat-telf ta' solidarjetà bejn komunitajiet edukattivi differenti. Din l-individwalizzazzjoni tista' twassal ukoll għat-tisħiħ ta' inugwaljanzi bejn skola u oħra, ibbażata fuq fatturi bħalma huma klassi soċjali, reġjun, u sess. L-isfida hi kif insawru qafas li jagħti sehem lill-ġenituri fl-iskejjel mingħajr ma jintilef is-sens komunitarju u ċiviku li huma, wara kollox, il-pedament taddemokrazija kif dejjem fehmitha l-Ewropa.